Minuti tal-Laqgħa Nru. 7 tas-Sitt Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Settembru 2012 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Viċi Sindku | Is-Sur. Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Victor Caruana<br>Is-Sur. Christian Falzon<br>Is-Sur. Joseph Camilleri<br>Is-Snrna. Christina Sammut |
| Skużati | Is-Sinjura. Lucia Massa |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Tenders
5. Attivita f' ġieħ Mikielang Sapiano
6. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
7. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti tal-laqgħa preċedenti inqraw u ġew approvati.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Ma kien hemm l-ebda punti imqajjma fil-minuti.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Is-Segretarju semma li kienet waslet email biex jekk hemm xi persuni li ħaqqhom jingħataw premju Anzjan tas-Sena tingħata n-nominazzjoni tagħhom billi dawn jagħlqu fil-bidu ta' Settembru.

3.2 Is-Segretarju semma li fuq l-applikazzjoni tal-Family Park ta Ħal Farruġ kien hemm progress minn naħa tal-MEPA.

3.3 Il-Kunsillier Falzon ippreżenta rapport lis-Sindku fuq it-tournament li kien sar b tim li rrapreżenta l-Kunsill Lokali. Fir-rapport huwa spjega kemm kienu inġabru flus f' din l-inizjattiva t' għajnuna u kif dawn tqassmu. Il-Kunsillier Falzon semma wkoll li se ssir logħba tal-futbol sabiex iservi t' għajnuna għal Kyle.

3.4 Is-Sindku semma li rċevejna l-formola tal-After School Sports Programme u ħeġġeġ sabiex nerġgħu napplikaw.

3.5 Is-Sindku qara wkoll email li rċieva l-Kunsill minn naħa tal-Enemali sabiex isir laqgħa magħhom u jkun hemm aktar kollaborazzjoni flimkien ma Kunsilli Lokali oħra.

3.6 Is-Segretarju semma li fuq il-proġett tal-istreaming ix-xogħol kien miexi kif ippjanat.

3.7 Il-Viċi Sindku semma li huwa kien attenda laqgħa flimkien ma rappreżentanti tal-Arriva sabiex jressaq suġġerimenti u titranġa s-sitwazzjoni ġewwa Ħal Luqa. Huwa ippropona biex in-number 72 tkun aktar spissa. In-number X4 li tgħaddi minn barra Ħal Luqa biex din tieqaf fuq l-istage ta fejn id-Dinitrol. In-number 73 tgħaddi minn ġewwa Ħal Luqa. Huwa semma li minn dawn il-proposti hemm ċans li ssir xi ħaġa fir-riforma ta wara peress li diġa kien hemm kollox ippreparat minn naħa tagħhom.

3.8 Il-Kunsilliera Sammut semmiet li quddiem il-Mużew hemm bżonn li jkun hemm Pulizija waqt il-ħin li fih ikunu deħlin it-tfal il-Mużew. Is-Sindku rrisponda li kien diġa kellu laqgħa mal-Ispettur tal-Pulizija li minn naħa tigħu qallu li kellu jipprovdi l-Pulizija.

3.9 Il-Kunsillier Camilleri semma li huwa kien avviċinat mis-Sur. Morana fejn dan ippropona biex tinżebagħ l-istatwa tal-Kunċizzjoni li hemm maġenb il-Knisja minħabba li din kienet fi stat ħażin. Is-Sindku irrisponda li ikun aħjar jekk ikun hemm restawr imma l-Kunsill ma jidħolx fuq dan il-proġett.

3.10 Il-Kunsillier Caruana semma li dalgħodu kellhom jiġu l-ħaddiema tal-ELC biex jagħmlu xogħol ta żbir speċjalment minħabba l-workshop imma dawn baqgħu ma ġewx.

3.11 Il-Kunsillier Caruana semma li hemm bżonn isir tiswija fejn hemm is-central strip ta maġenb il-General Soft Drinks minħabba li kien fiha ħafna ħsara. Is-Sindku rrisponda li din kienet responsabilta tat-Transport Malta u mhux tagħna, għalhekk aħna għandna nwasslu r-rapport lit-Trabsport Malta.

3.12 Il-Kunsillier Caruana semma li fuq Triq ir-Rixtellu u Triq Anton Falzon hemm bżonn li jsir patching fi Triq Anton Falzon u Triq ir-Rixtellu.

3.13 Il-Kunsillier Camilleri semma li dawk l-unloading bays li hemm quddiem il-bakery ta Triq San Ġużepp u l-ieħor li hemm fi Triq Dun Pawl biex dawn jitneħħew. Huwa semma li dak li hemm quddiem il-bakery qed jieħu post ta parking bay normali u minn ikun qed jixtri ikollu jieqaf f' nofs it-triq. Is-Sindku qal li dawn il-parking bays kienu ilhom hemm snin twal u ma jarax għalfejn għandu jkun hu li jneħħihom.

3.14 Il-Kunsilliera Sammut issuġġeritt biex fi Triq il-Qasam Sperimentali isiru bins. Is-Sindku irrisponda li jekk dawn isiru jista jkun hemm problema mill-klieb billi dawn jferrxu iż-żibel li jkun hemm fiż-żona.

## 4.0 TENDERS

4.1 Meta wasal għall item tat-tenders, is-Segretarju Eżekuttiv talab lis-Sindku sabiex iwissi lill-Kunsilliera preżenti li jekk hemm xi ħadd fosthom li għandu xi kunflitt t' interess fuq xi kuntrattur partikulari jiddikjara dan l-interess u joħroġ barra mill-kamra. Huwa wissa lil kulħadd sabiex josserva l-kodiċi ta Etika. Wara din it-twissija beda d-diskors tiegħu s-Sindku fejn fost l-oħrajn ta eżempju fuq il-każ tas- Sindku ta Bormla li spiċċa l-Qorti u ġie sospiż mill-kariga ta kunsillier għal żmien ħames snin sempliċiment għax qagħad fil-kamra mal-kollegi tiegħu waqt votazzjoni u ma ddikjarax li kellu kunflitt t' interess. Għaldaqstant kulħadd għandu josserva l-Kodiċi ta Etika.

4.2 Wara s-Sindku għadda biex qara r-rapport tal-laqgħa tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni li saret fil-11 ta' Settembru dwar it-tender tal-Knis. Huwa qara ukoll il-punteġġ mogħti lit- 3 kuntratturi u r-rakkomandazzjoni tal-Bord lil WM Environmental.

4.3 Il-Kunsillier Camilleri saqsa fuq liema kriterji kienu qed jingħataw il-punti u għala WM Environmental ingħata l-massimu fejn jidħlu ħaddiema. Is-Sindku u l-Kunsillier Caruana qallu li dan il-kuntrattur ta' lista ta xi 7 ħaddiema tal-ETC li diġa qegħdin jagħmlu x-xogħol miegħu, kif ukoll lista ta makkinarju.

4.4 Il-Kunsillier Camilleri irrisponda li jekk il-kuntrattur Jason Gatt ipprovda tlett ħaddiema u l-Kunsill ried jitlob biss tlieta allura għandha tingħata lilu. Huwa ilmenta li l-kjarifika li l-Bord talab minn naħa tal-ETC immissha issemmiet qabel minħabba ż-Żambi għax fil-preżent mhuwiex reġistrat ma Jason Gatt imma xorta jista jkun għad dispożizzjoni ma Jason Gatt. Il-Kunsillier Caruana irrisponda li la WM Environmental għandu 7 ħaddiema irreġistrati mal-ETC jaħdmu miegħu, il-Kunsill mhux ser ikollu problemi jekk xi ħaddiem ikun vacation leave jew sick leave.

4.5 F dan l istadju s-Segretarju informa lis-Sindku li huwa kien irċieva telefonata mingħand il-Kunsillier Camilleri aktar kmieni filgħodu fejn qallu li se jkun qed jattendi tard għal laqgħa jew ma jkunx f' pożizzjoni li jattendi kif ukoll staqsih fiex kienu waslu t-tenders peress li l-

Kunsillier Camilleri kien avviċinah is-Sur. Jason Gatt u staqsa lilu. Huwa qal li kien jinteressah biss minn dan it-tender ta Jason Gatt.

4.6 Is-Sindku staqsa lill-Camilleri il għala huwa kien għamel din it-telefonata, meta filgħaxija kellna l-laqgħa tal-Kunsill. Huwa wissih sabiex joqgħod attent għax qed jinkrimina ruħu fuq dak li għamel għax jidher li l-appelli li għamel is-Segretarju ma swew għalxejn. Dak il-ħin intervjena l-Viċi Sindku, S-Sur. Joseph Scicluna fejn qal lil Kunsill li mhux l-ewwel darba li s-Sur. Camilleri ċempillu sabiex jistaqsih fiex waslu t-tenders, fejn minn naħa tiegħu dejjem qallu "issa tkun taf waqt il-laqgħa tal-Kunsill".

4.7 Is-Sindku qal ukoll li filkaż ta Jason Gatt dan ingħata 30 punt minn 40 peress li fil-preżent m' għandux 3 ħaddiema jaħdmu miegħu bil-ktieb. Is-Sindku qal ukoll li għandna inħarsu lejn l-interess tar-raħal u mhux tal-inidividwu. Anke rigward il-makkinarju is-Sur. Jason Gatt ipprovda ritratt tal-mechanical street sweeper (hand operated), biss wara li l-Bord saqsa jekk għandux.

4.8 Il-Kunsillier Camilleri semma li l-makkinarju u l-ħaddiema ma kinux imsemmijin fit-tender u l-Bord qed jitlobhom. Huwa qal li qed isir diskriminazzjoni mal-kuntratturi l-oħra. Is-Segretarju ġab il-kopja tat-tender tal-knis li kellu l-Kunsill u uriha lill-Kunsillier Camilleri fejn hemm stipulat li jrid ikollhom tlett ħaddiema u anki l-makkinarju mitlub. Reġa intervjena s-Sindku u qal illi tant ma saritx diskriminazzjoni illi l-Bord talab lill-kuntratturi li ġew short listed sabiex jagħtu l-ismijiet tal-ħaddiema mill-ETC kif ukoll lista tal-makkinarju li għandhom tagħhom għax wieħed biss ipproduċihom fit-tender li kien dak tal-WM Environmental. Li ried il-Bord seta' mill-ewwel jasal għal eżitu tiegħu u jagħmel ir-rakkomandazzjoni tiegħu.

4.9 Il-Kunsillier Camilleri reġa semma li rridu nimxu fuq l-orħos offerta. Is-Sindku semma li l-Bord qed jkun għaqli u qed jikkonsidra kollox. Filfatt l-applikazzjoni tgħid ċar illi l-Kunsill mhux marbut mal-orħos offerta.

4.10 Il-Viċi Sindku faħħar il-Bord għax xogħol siewi li kien qed jagħmel u semma kemm huwa serju u jaħdem tajjeb fl-interess tal-Kunsill.

4.11 Is-Sindku ppropona u kien issekondat mill-Kunsillier Caruana l-offerta ta WM Environmental. Il-membri tal-Kunsill preżenti kollha qablu ma din il-proposta għajr il-Kunsillier Camilleri li astjena.

4.12 Is-Sindku għaddha biex qara r-rapport tal-laqgħa tal-Bord li saret fis-27 ta' Settembru fejn kien hemm diskuss it-tender tas-Soft areas. Huwa semma li l-Bord kien qed jirrakomanda l-offerta ta Martin Muscat wara li kienet saret laqgħa u saru xi mistoqsijiet lilu fuq dak li kien qed joffri.

4.13 Is-Sindku qal li fil-laqgħa li saret mas-Sur. Muscat huwa se joffri pjanti, bowser tal-ilma u f' kaz ta żbir se jikri tower ladder. Huwa se jkollu żewġ ħaddiema full timers li se jkunu għad dispożizzjoni tal-Kunsill.

4.14 Il-Kunsillier Camilleri semma li fejn jidħlu l-ħaddiema s-Sur. Martin Muscat mhux vera għandu l-ħaddiema li qed isemmi, kif ukoll l-makkinarju. Huwa talab lis-Segretarju biex jurih x qed joffri s-Sur. Muscat. Is-Segretarju ppreżentalu d-dokumentazzjoni fejn is-Sur. Camilleri qal li għalkemm hemm iċ-ċertifikati tal-ħaddiema dawn mhux bilfors li huma reġistrati mas-Sur. Muscat. Huwa qal ukoll li għalkemm huwa ppreżenta lista ta makkinarju dan jista ma jkunx tiegħu. Is-Sur. Camilleri qal li l-Bord hawnhekk ma mexxiex skont kif mexa fuq it-tender tal-knis.

4.15 Is-Sindku qal li l-ebda tender m' huwa bħal ieħor u li kull tender trid tieħdu fil-kuntest tiegħu u l-kobor tiegħu. It-tender tal-knis huwa ferm differenti minn dak tas-soft areas anke jekk tħares biss lejn il-prezz.

4.16 Is-Sindku qal li l-Bord kien qed jagħmel din ir-rakkomandazzjoni billi Martin Muscat kien qed joffri l-istess servizz minn dak li kellu l-Kunsill, żewġ ħaddiema kuljum u prezz orħos. Is-Sindku għamilha ċara quddiem il-Kunsill li jekk is-Sur. Muscat ma jonorax dak li qed iwiegħed ikollu l-kuntratt terminat immedjatament.

4.17 Is-Sindku ippropona lill-Martin Muscat għat tender tas-Soft Areas waqt li kien sekondat mill-Kunsillier Caruana. Il-maġġoranza tal-membri tal-Kunsill preżenti kienu favur din ir-rakkomandazzjoni tal-Bord.

4.18 Il-Kunsillier Caruana semma li skont il-kliem tal-Kunsillier Camilleri huwa qed juri li ma jaqbilx mal-Bord u s-Sindku kien imissu ma ħoloq xejn Bord. Il-Kunsillier Camilleri qal li huwa mhux qed jaqbel mal-Bord. Is-Sindku semma li bl approvazzjoni tal-Kunsill inkluż huwa, il-Bord inħatar għax dik kienet wiegħda fil-manifest elettorali bl iskop li jkun hemm aktar trasparenza fl-għoti tal-kuntratti.

4.19 Il-Kunsillier Victor Caruana qal li minn kliem il-Kunsillier Joe Camilleri mill-mod ta kif tkellem fuq it-tenders jidher li jaf ħafna minn dawk il-kuntratturi li tefgħu l-offerti. Il-Kunsillier Caruana, l-Viċi Sindku u s-Sindku iddikjaraw li huma lanqas biss qatt ma kienu jafu dawn il-persuni ħlief mill-offerti li huma tefgħu u ħadd mill-kuntratturi ma kellimhom u li jinteressahom huwa biss l-interess tal-Kunsill jiġi l-ewwel u qabel kollox.

4.20 Fuq l-offerta tal-ġbir tal-iskart il-Bord fir-rapport tiegħu wasal għal eżitu tiegħu illi peress li l-offerenti kollha għandhom ir-rekwiżiti mitluba, għandu jmur fuq l-aktar offerta vantaġġjuża.

4.21 Il-Kunsillier Caruana semma li kien sar meeting ma dak il-kuntrattur li ġie short listed sabiex naraw fiżikament x' tip ta vetturi għandu u jsirulu xi mistoqsijiet u naraw jekk huwiex dispost li joffri s-servizz li qed jitolbu l-Kunsill.

4.22 Il-Kunsillier Camilleri semma li hawnhekk qed juri biċ-ċar li l-Bord diġa għandu f' moħħu lill minn irid jagħtiha u għalxejn il-Kunsill kien qed jiddiskuti fuq dawn it-tenders. Is-Sindku irrisponda li dawn huma biss rakkomandazzjonijiet. Fl aħħar mill-aħħar kulħadd għandu dritt għall opinjoni tiegħu u d-deċiżjoni tal-Kunsill hija finali.

4.23 Is-Sindku qal illi kull kuntrattur għandu dritt li ma jaqbilx mad-deċiżjoni tal-Kunsill fejn jista jappella. Pero filkaż li jkun hemm xi appell, kulħadd irid jerfa r-responsabilta ta dak li għamel.

4.24 Il-Kunsillier Caruana qal lill-Kunsillier Camilleri li jekk irid jista jitlob għal kopji tar-rapporti tal-Bord sabiex jara kif ittieħdu d-deċiżjonijiet għalkemm is-Sindku qara r-rapport tal-Bord fid-dettal.

4.25 Il-Kunsillier Camilleri qal ukoll il-għala il-Kunsilliera Massa fil-laqgħa preċedenti kienet għamlet dikjarazzjoni li taqbel mar-rakkomandazzjoni tal-Bord. Hawnhekk reġa intervejna s-Sindku fejn qal li kemm il-Kunsilliera Massa kif ukoll il-Kunsilliera l-oħrjan qatt ma wrew xi interess partikulari f' xi kuntrattur. Il-Kunsillier Camilleri saqsa lis-Segretarju għala huwa kieku llum ma ġiex ma setax jagħmel din il-ħaġa. Is-Segretarju irrisponda li huwa kien liberu li jagħmel hekk kieku ried.

4.26 Is-Sindku semma li kieku l-Kunsill iddeċieda li jagħti l-kuntratt lill Northern Cleaning mill-ewwel, minħabba li ta servizz tajjeb, kien ikun irresponsabbli peress li kien hemm distinzjoni kbira fil-prezz bejn il-kuntrattur li rrakomanda l-Bord u l-kuntrattur Northern Cleaning li kien ukoll il-kuntrattur preċedenti tal-Kunsill.

4.27 Is-Sindku ssekondat mill-Kunsillier Caruana ippropona li jintgħażel il-kuntrattur R & C Bezzina Cleaning Solutions sabiex jagħmlu x-xogħol tal-ġbir tal-iskart. F' każ li dawn ma jonorawx dak mitlub lilhom l-kuntratt jingħata lill Northern Cleaning. Favur din il-proposta kien hemm il-Kunsilliera kollha għajr il-Kunsillier Camilleri li astjena.

4.28 Meta kien mistoqsi mis-Sindku għala l-Kunsillier Camilleri kien qed jastjeni, meta qatt ma kellna l-iċken ilment, huwa irrisponda li ma kienx qed jaqbel li l-offerta tmur għand it-tielet l-orħos f' każ li l-kuntrattur magħżul ma jonorax dak li qed joffri. Is-Sindku irrisponda li bejn it-tielet l-orħos kuntrattur u t-tieni wieħed kien hemm differenza żgħira fil-prezz, imma t-tielet l-orħos kuntrattur li kien ukoll il-kuntrattur preċedenti dejjem ta servizz tajjeb lill-Kunsill, u kien fuq dan il-mertu li ntgħażel it-tieni wieħed mill-kuntratturi l-oħrajn.

## 5.0 ATTIVITA F' ĠIEĦ MIKIELANĠ SAPIANO

5.1 Is-Sindku semma li fuq l-egħluq taċ-ċenitnarju mill-mewt ta Mikielanġ Sapiano qed ikun hemm organiżazzjoni ta attivitajiet flimkien mal-għaqdiet lokali. Huwa semma li kien anki avviċinat minn naħa tal-Każin tal-Istilla imma dawn għadhom mingħajr risposta fuq x se jorganiżżaw.

## 6.0 APPROVAZZJONI TAL-ĦLASIJIET

6.1 Il-Kunsillier Caruana qal li huwa qed joġġezzjona fuq il-pagament lill-ELC billi dawn ma kinux għamlu x-xogħol kollu.

6.2 Il-pagamenti ġew approvati mill-Kunsill b' vot unanimu.

## 8.0 AĠĠORNAMENT

Ma kienx hemm aktar punti fuq l-Aġenda biex jiġu diskussi u għaldaqstant is-Sindku iddikjara l-laqgħa magħluqa nhar il-Ġimgħa 28 ta' Settembru 2012, fis-7.30 p.m. Ma kienx hemm data proposta għal laqgħa li jmiss.

Konfermati llum ________________________ 2012.

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| John Schembri | Michael Portelli |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |